31999D0871

ID-DEĊIŻJONI TA' L-KUNSILL
ta' l-21 ta' Diċembru 1999
dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna dwar il-kummerċ ta' prodotti tessili

(1999/871/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni innegozjat f'isem il-Komunità Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna li jemenda il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna dwar il-kummerċ ta' prodotti tessili;

(2) Dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu, fid-dawl tal-provvedimenti dwar iż-żieda fil-quoti fl-1999, jiġi applikat fuq bażi provvizorja, sakemm jiġu mitmuma il-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni, skond l-applikazzjoni provvizorja reċiproka mill-Ukrajna,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna li jemenda il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna dwar il-kummerċ ta' prodotti tessili ser jiġi applikat fuq bażi provvizorja, sakemm issir il-konklużjoni formali u skond l-applikazzjoni provvizorja reċiproka mill-Ukrajna [1].

It-test ta' dan il-Ftehim huwa mehmuż ma' din il-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni ser tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Ser tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussel, 21 ta' Diċembru 1999.

F'isem il-Kunsill

Il-President

T. HALONEN

[1] Id-data li minnha l-applikazzjoni provvizorja jkollha effet tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, serje C.